MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 110/2010

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Caruana Shyline**
**I.D.476080(M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenuta tigi kkundannata ihallas l-ammont ta' mitejn u disgha u hamsin Ewro u hdax-il centezmu (€259.11) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lill-*Mobisle Communications Limited* in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru *1023195* u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment

ma’ dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta ihallas is-somma ta’ mitejn u disgha u hamsin Ewro u hdax-il centezmu (€259.11) liema somma tirraprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lill-*Mobisle Communications Limited* in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta’ attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru *1023195* u dana fix-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-31 ta’ Ottubru, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------